MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 720/2004

**HSBC Bank Malta plc**

**vs**

**Christopher Cachia & *Associates Limited,* u martu Christopher Cachia Doreen Cachia u *D Limited* (b'digriet tal-Qorti tat-12 ta' Novembru, 2004, giet awtorizzata korrezzjoni f'isem *'Christopher Cachia & Associates Limited"* u ghandu jinbidel ghal *"Chris Cachia & Associates Limited"*)**

Il-Qorti:

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici:

Il-kumpanija konvenuta *Chris Cachia & Associates Limited* (liema kumpanija kien jisimha Jirieh Ltd) hija debitrici tal-bank attur fis-somma globali ta' tlieta u erbghin

elf hames mija u wiehed u hamsin lira u seba' u tmenin centezmu (Lm43,551.87) liema somma tinkludi l-imghax fuq l-ammont ta' kapital dovut sat-2 ta' Mejju, 2004 u *inoltre* l-kumpannija konvenuta *Chris Cachia & Associates Limited* ghandha taghti wkoll lill-bank attur l-imghax relattiv mit-3 ta' Mejju, 2004 sad-data tal-pagament effettiv dovuti lill-istess bank attur kif jinghad hawn taht:

(a) erbat elef seba' mija u tlett liri u tlettax-il centezmu (Lm4,703.13) komposti *in kwantu* ghal erbat elef u tmienja u sittin lira u sitta u tletin centezmu (Lm4,068.36) bhala somma kapitali u *in kwantu* ghal sitt mija u erba' u tletin lira u seba' u sebghin centezmu (Lm634.77) l-imghax relattiv mill-11 ta' April, 2002 sat-2 ta' Mejju, 2004 dovuti bhala bilanc ta' self moghti lill-istess kumpanija konvenuta *Chris Cachia & Associates Limited* (*loan account* numru 027-047208-300) permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Cassar tat-22 ta' Marzu, 1996 (Dok. A) *oltre* l-imghax relattiv mit-3 ta' Mejju, 2004 sad-data tal-pagament effettiv, kif jirrizulta mill-prospett anness bhala Dok B;

(b) sebat elef mija u tmien liri u tnax-il centezmu (Lm7,108.12) komposti *in kwantu* ghal sitt elef u seba' u sebghin lira u sbatax-il centezmu (Lm6,077.17) bhala somma kapitali u *in kwantu* ghal elf u tletin lira u hamsa u disghin centezmu (Lm1,030.95) l-imghax relattiv mill-20 ta' Marzu, 2002 sat-2 ta' Mejju, 2004 dovuti bhala bilanc ta' self moghti lill-istess kumpanija konvenuta *Chris Cachia & Associates Limited* (*loan account* numru027-047208-301) permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Cassar tal-11 ta' Settembru, 1997 (Dok. C) *oltre* l-imghax relattiv mit-3 ta' Mejju, 2004 sad-data tal-pagament effettiv, kif jirrizulta mill-prospett anness bhala Dok D;

(c) erba' u ghoxrin elf tlett mija u wiehed u hamsin lira u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm24,351.23) komposti *in kwantu* ghal tnejn u ghoxrin elf, tlett mija u tlieta u tmenin lira u disghin centezmu (Lm22,383.90) bhala somma kapitali u *in kwantu* ghal elf disa' mija u seba' u sittin lira u tlieta u tletin centezmu (Lm1,967.33) l-imghax relattiv mit-

28 ta' Marzu, 2003 sat-2 ta' Mejju, 2004 dovuti bhala bilanc ta' facilitajiet ta' *overdraft* moghtija lill-istess kumpanija konvenuta *Chris Cachia & Associates Limited* (*overdraft account* numru 027-047208-341 gia 027-047208-004) liema facilitajiet huma parti mill-facilitajiet ta' *overdraft* originarjament moghtija lill-istess kumpanija konvenuta permezz ta' kuntratti fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Cassar tat-22 ta' Marzu, 1996 (Dok. E), tad-19 ta' Settembru, 1996 (Dok. F) u tal-25 ta' Frar, 1999 (Dok. G) *oltre* l-imghax relattiv mit-3 ta' Mejju, 2004 sad-data tal-pagament effettiv, kif jirrizulta mill-prospett anness bhala Dok H;

(d) sebat elef tlett mija u disa u tmenin lira u disa' u tletin centezmu (Lm7,389.39) komposti *in kwantu* ghal sitt elef seba' mija u tnejn u disghin lira u erbghin centezmu (Lm6,792.40) bhala somma kapitali u *in kwantu* ghal hames mija u sitta u disghin lira u disa' u disghin centezmu (Lm596.99) l-imghax relattiv mit-28 ta' Marzu, 2003 sat-2 ta' Mejju, 2004 dovuti bhala bilanc ta' facilitajiet ta' *overdraft* moghtija lill-istess kumpanija konvenuta *Chris Cachia & Associates Limited* (*overdraft account* numru 027-047208-340 gia 027-047208-002) liema facilitajiet huma parti mill-facilitajiet ta' *overdraft* originarjament moghtija lill-istess kumpanija konvenuta permezz tal-kuntratti fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Cassar tat-22 ta' Marzu, 1996 fuq imsemmi (Dok. E), tat-22 ta' Settembru, 1997 fuq imsemmi (Dok. F) u tal-25 ta' Frar, 1999 fuq imsemmi (Dok. G) *oltre* l-imghax relattiv mit-3 ta' Mejju, 2004 sad-data tal-pagament effettiv, kif jirrizulta mill-prospett anness bhala Dok. I;

Il-kumpanija konvenuta *D Limited* (liema kumpanija kien jisimha *Distinct Group Limited* u qabel *Distinct Conversions Limited* u qabel *Village Home People Company Limited*) permezz ta' *guarantee forms* tad-19 ta' Settembru, 1996 ghal ghaxart elef lira (Lm10,000) (Dok. J) u tad-16 ta' Gunju, 2000 ghal tnejn u tletin elf liri (Lm32,000) ohra (Dok. K) ikkostitwiet ruha garanti solidali mal-imsemmija kumpanija konvenuta debitrici principali *Chris Cachia & Associates Limited* favur il-bank attur sal-ammont komplessiv ta' tnejn u erbghin elf lira (Lm42,000)

*in kwantu* ghas-somma kapitali dovuta mill-imsemmija kumpanija konvenuta debitrici principali *Chris Cachia & Associates Limited oltre* l-imghax mis-26 ta' Dicembru, 2002 u *cioe'* minn sitt xhur qabel id-data tal-ittra ufficcjali tas-26 ta' Gunju, 2003 li biha l-istess kumpanija giet interpellata biex thallas (Dok. L) u dan skond it-termini tal-istess *guarantee forms* tad-19 ta' Settembru, 1996 (Dok. J) u tas-16 ta' Gunju, 2000 (Dok. K);

Il-konvenuti *Christopher Cachia* u martu *Doreen Cachia*, permezz ta' *guarantee forms* tal-1 ta' Gunju, 1995 ghal elfejn lira (Lm2,000) (Dok. M), tad-19 ta' Settembru, 1996 ghal tmien t'elef lira (Lm8,000) (Dok. N), tad-19 ta' Settembru 1996, ghal tnax-il elf lira (Lm12,000) (Dok. O) u tas-16 ta' Gunju, 2000 ghal ghoxrin elf lira (Lm20,000) ohra (Dok. P), ikkostitwew ruhhom garanti solidali mal-imsemmija kumpanija konvenuta debitrici principali *Chris Cachia & Associates Limited* favur il-bank attur sal-ammont komplessiv ta' tnejn u erbghin elf lira (Lm42,000) *in kwantu* ghas-somma kapitali dovuta mill-imsemmija kumpanija konvenuta debitrici principali *Chris Cachia & Associates Limited, oltre* l-imghax mis-26 ta' Dicembru, 2002 u *cioe'* minn sitt xhur qabel id-data tal-ittra ufficcjali tas-26 ta' Gunju, 2003 (Dok Q) u ittra ufficcjali ohra bl-istess data li biha l-istess kumpanija giet interpellata biex thallas (Dok. R) u dan skond it-termini tal-istess *guarantee forms* tal-1 ta' Gunju 1995 (Dok. M) tad-19 ta' Settembru, 1996 (Dok. N), tad-19 ta' Settembru, 1996 (Dok. O) u tas-16 ta' Gunju, 2000 (Dok. P);

Ghaldaqstant, il-kumpanija konvenuta *D Limited* u l-konvenuti *Christopher Cachia* u martu *Doreen Cachia*, bhala garanti solidali, huma obbligati li jhallsu lill-istess bank attur, solidalment bejniethom u mal-kumpanija konvenuta debitrici principali *Chris Cachia & Associates Limited* mis-somma fuq imsemmija, l-ammont ta' tnejn u erbghin elf disa' mija u seba' u sebghin lira u wiehed u hamsin centezmu (Lm42,977.51) liema ammont huwa kompost mis-sommom kapitali kollha dovuti mill-kumpanija konvenuta *Chris Cachia & Associates Limited* u l-imghax fuq l-imsemmija sommom mis-26 ta' Dicembru, 2002 sat-2 ta' Mejju, 2004, u *inoltre* biex ukoll ihallsu lill-

bank attur l-imghax relattiv mit-3 ta' Mejju, 2004 sad-data tal-pagament effettiv;

Il-konvenuti, ghalkemm interpellati ghall-hlas, baqghu inadempjenti.

Il-kreditu tal-bank attur huwa cert, likwidu u ezigibbli u, sa fejn jaf il-bank attur, il-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu kontra t-talba tal-istess bank attur ghall-hlas ta' dik is-somma kif jidher mid-dikjarazzjoni guramentata annessa ma' din ic-citazzjoni u mill-affidavit tar-rapprezentant tal-bank attur, hawn anness Dok. X;

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. tiddeciedi skond it-talbiet sussegwenti tal-bank attur bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza kif dispost fl-artikoli 167-170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12); u

2. tikkundanna lill-kumpanija konvenuta *Chris Cachia & Associates Limited* (liema kumpanija kien jisimha *Jirieh Ltd*), bhala debitrici principali, biex thallas lill-bank attur is-somma globali ta' tlieta u erbghin elf hames mija u wiehed u hamsin lira u seba' u tmenin centezmu (Lm43,551.87) liema somma tinkludi l-imghax fuq l-ammont ta' kapital dovut sat-2 ta' Mejju, 2004 u *inoltre* biex ukoll thallas lill-bank attur l-imghax relattiv mit-3 ta' Mejju, 2004 sad-data tal-pagament effettiv dovuti lill-istess bank attur kif jinghad hawn taht:

(a) erbat elef seba' mija u tlett liri u tlettax-il centezmu (Lm4,703.13) komposti *in kwantu* ghal erbat elef u tmienja u sittin lira u sitta u tletin centezmu (Lm4,068.36) bhala somma kapitali u *in kwantu* ghal elf u tletin lira u hamsa u disghin centezmu (Lm1,030.95) l-imghax relattiv mill-20 ta' Marzu, 2002 sat-2 ta' Mejju, 2004 dovuti bhala bilanc ta' self moghti lill-istess kumpanija konvenuta *Chris Cachia & Associates Limited* (*loan account* numru 027-047208-300) *oltre* l-imghax relattiv mit-3 ta' Mejju, 2004 sad-data tal-pagament effettiv.

(b) sebat elef mija u tmien liri u tnax-il centezmu (Lm7,108.12) komposti *in kwantu* ghal sitt elef u seba' u sebghin lira u sbatax-il centezmu (Lm6,077.17) bhala somma kapitali u *in kwantu* ghal elf u tletin lira u hamsa u disghin centezmu (Lm1,030.95) l-imghax relattiv mill-20 ta' Marzu, 2002 sat-2 ta' Mejju, 2004 dovuti bhala bilanc ta' self moghti lill-istess kumpanija konvenuta *Chris Cachia & Associates Limited* (*loan account* numru 027-047208-301) *oltre* l-imghax relattiv mit-3 ta' Mejju, 2004 sad-data tal-pagament effettiv.

(c) erba' u ghoxrin elf tlett mija u wiehed u hamsin lira u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm24,351.23) komposti *in kwantu* ghal tnejn u ghoxrin elf, tlett mija u tlieta u tmenin lira u disghin centezmu (Lm22,383.90) bhala somma kapitali u *in kwantu* ghal elf disa' mija u seba' u sittin lira u tlieta u tletin centezmu (Lm1,967.33) l-imghax relattiv mit-28 ta' Marzu, 2003 sat-2 ta' Mejju, 2004 dovuti bhala bilanc ta' facilitajiet ta' *overdraft* moghtija lill-istess kumpanija konvenuta *Chris Cachia & Associates Limited* (*overdraft account* numru 027-047208-341 gia 027-047208-004) *oltre* l-imghax relattiv mit-3 ta' Mejju, 2004 sad-data tal-pagament effettiv;

(d) sebat elef tlett mija u disa u tmenin lira u disa' u tletin centezmu (Lm7,389.39) komposti *in kwantu* ghal sitt elef seba' mija u tnejn u disghin lira u erbghin centezmu (Lm6,792.40) bhala somma kapitali u *in kwantu* ghal hames mija u sitta u disghin lira u disa' u disghin centezmu (Lm596.99) l-imghax relattiv mit-28 ta' Marzu, 2003 sat-2 ta' Mejju, 2004 dovuti bhala bilanc ta' facilitajiet ta' *overdraft* moghtija lill-istess kumpanija konvenuta *Chris Cachia & Associates Limited* (*overdraft account* numru 027-047208-340 gia 027-047208-002) *oltre* l-imghax relattiv mit-3 ta' Mejju, 2004 sad-data tal-pagament effettiv;

3. tikkundanna l-kumpanija konvenuta *D Limited* (liema kumpanija kien jisimha *Distinct Group Limited* u qabel *Distinct Conversions Limited* u qabel *Village Home People Company Limited*) u lill-konvenuti *Christopher Cachia* u

martu *Doreen Cachia*, bhala garanti solidali, biex ihallsu lill-istess bank attur, solidalment bejniethom u mal-kumpanija konvenuta debitrici principali *Chris Cachia & Associates Limited,* mis-somma fuq imsemmija, l-ammont ta’ tnejn u erbghin elf disa’ mija u seba’ u sebghin lira u wiehed u hamsin centezmu (Lm42,977.51) liema ammont huwa kompost mis-sommom kapitali kollha dovuti mill-kumpanija konvenuta *Chris Cachia & Associates Limited* u l-imghax fuq l-imsemmija sommom mis-26 ta’ Dicembru, 2002 sat-2 ta’ Mejju, 2004 u *inoltre* biex ukoll ihallsu lill-bank attur l-imghax relattiv mit-3 ta’ Mejju, 2004 sad-data tal-pagament effettiv dovuti kif fuq intqal:

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tat-tlett (3) ittri ufficcjali datati 26 ta’ Gunju, 2003, kontra l-konvenuti solidalment bejniethom li huma, jew fil-kaz tal-kumpaniji konvenuti ir-rapprezentanti taghhom, minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u in-nota tax-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Rat li *nonostante* kull terminu favur il-konvenuti, skond l-artikolu 158(13) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta l-jum tas-smiegh tal-kawza jigi qabel iz-zmien stabbilit ghal-presentata tan-nota tal-eccezzjonijiet, tali nota ghandha tigi pprezentata mhux aktar tard mill-hin li fih il-kawza tkun se tinstema’;

Rat li, fil-fatt, tali nota ma gietx presentata;

Semghet l-Avukat tas-socjeta’ attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacija tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------